Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI S-SWIEQI**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA 2019**

**SEDUTA NUMRU 40**

Il-Kunsill Lokali tas-Swieqi iltaqa f'seduta urġenti nhar il-Ħamis 3 ta' Marzu 2022 fl-16.00.

Din il-laqgħa kellha ssir online minħabba l-Covid 19, u peress li wħud mill- Membri tal-Kunsill huma anzjani u/jew oħrajn jgħixu ma' persuni vulnerabbli u qegħdin fi kwarantina volontarja u/jew mandatorja.

**Preżenti:**

| | | |
|---|---|---|
| Noel Muscat | - | Sindku |
| Maryanne Abela | - | Viċi Sindku |
| Anna Pisani | - | Kunsillier – 17:45 |
| Rowena Scicluna | - | Kunsillier |
| Theresa Valentino | - | Kunsillier |
| Edgar Rossignaud | - | Kunsillier |
| Paul Fenech | - | Kunsillier |
| Alex Chetcuti | - | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti: Clarissa Buhagiar – Deputat Segretarju Eżekuttiv

Il-Kunsillier A.Chetcuti kien skużat minħabba mpenji mportanti oħra.

Is- Sindku qal it-talba u offra din it-talba għal bżonnijiet ta' ċittadini ta' l-Ukrajina wara li l-pajjiż ġie attakat mill-forzi Russi.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Dep. Segretarju Eżekuttiv

**40.1 Approvazzjoni ta' Minuti**

40.1.1 Il-Minuti tas- Seduta Nru.39, dawn ġew approvati. Il-Kunsillier P. Fenech ippropona u l-Kunsillier T. Valentino issekondat.

**40.2 Punti li joħorġu mill-Minuti**

40.2.1 B' referenza għad-dawl li hemm bil-ħsara fiż-żona tal-Madliena, il-Kunsillier T. Valentino infurmat li sfortunatament jidher li hemm ammont sostanzjali minn dawn id-dwal li m'humiex uffiċċjali u għalhekk sakemm dawn jiġu irregolati ma' l-Enemalta; dawn ma jkunux jistgħu jissewwew. Il-Viċi Sindku talbet għal kjarifika jekk il-Kunsill hux se jkun parti mit-tender li se jkun qed joħrog il-Kunsill Reġjonali tal-Lvant. Is- Sindku nfroma li fl-aħħar Seduta, ġie deċiż li dan il-Kunsill jkun parti minnu.

40.2.2 Il-Kunsillier R. Scicluna staqsiet jekk it-tapit l-aħdar li kien ġie installat mis-sid ta' stabilliment fuq il-bankina fi Triq ta' l-Ibrag tneħħiex. Is- Sindku nforma li dan tneħħa mis-sid.

40.2.3 Rigward punt 39.3.9, il-Kunsillier R. Scicluna informat li sfortunatament Triq tal-Franċiż jidher li għadha maqgħluqa minnħabba x-xogħlijiet minn naħa ta' IM. Is-Sindku kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv infurmaw li qegħdin f'kuntatt mal-Kuntrattur li mid-dehra kien hemm problemi serji tad-drenaġġ.

40.2.4 B' referenza għal punt nru.39.4.2, il-Kunsillier R. Scicluna nfurmat li bagħtet kopja ta' l-e magazine lil kull Kunsillier sabiex kemm jista jkun malajr, dawn jgħaddu l-kummenti tagħhom dwar dan. Hija staqsiet jekk għandux jitħalla l-artiklu dwar waħda mill-esebizzjonijiet li kienu ġew organizzati s-sena l-oħra minn artisti Russi u Ukreni. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li jingħata ftit ħin sabiex wieħed jkun jista' jaqra u jibgħat l-opinjoni tiegħu dwar din il-materja. Bi qbil unanimu, ġie deċiż li s'għada għandha titieħed id-deċiżjoni finali.

40.2.5 Rigward punt 39.4.4, il-Kunsillier R. Scicluna staqsiet jekk hemmx xi pjan dwar meta se jiġu nstallati iktar dog-bins. Is- Segretarju Eżekuttiv nforma li hu diġa avża lil kuntrattur u hekk kif ikollu l-lista bil-postijiet indikati fejn se jitwaħħlu, dawn jibdew jiġu installati. Il-Viċi Sindku flimkien mal-Kunsillier R. Scicluna infurmaw li se jkunu qed jagħmlu kuntatt ma' residenti dwar dan.

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Clarissa Buhagiar |
| Sindku | Dep. Segretarju Eżekuttiv |

**40.2 Punti li joħorġu mill-Minuti- ikomplu**

40.2.6 Il-Viċi Sindku staqsiet dwar jekk hemmx xi pjan meta se jitwaħħlu l-bankijiet u l-parking bays fi Triq il-Perkursur. Is- Segretarju Eżekuttiv informa li dawn se jkunu qed isiru fil-futur qarib.

40.2.7 Il-Kunsillier R. Scicluna talbet għal kjarfika dwar l-iskema li l-Kunsill kien applika sabiex jiġu nstallati xi instrumenti fi Ġnien ta' Ċentru Ċiviku. Is- Segretarju Eżekuttiv spjega li dawn huma instrumenti li jistgġu jintużaw mit-tfal sabiex dawn ikabbru l-għarfien mużikali tagħhom.

40.2.8 Il-Kunsillier R. Scicluna staqsiet dwar l-installazjoni tal-WIFI4EU. Is- Segretarju Eżekuttiv spjega li wara diskuzzjoni fl-aħħar Seduta, il-Kunsill iddeċieda dwar 3 postijiet li sfortuntament wieħed minnhom (dak ta' fejn Madliena Fort) ma jistax jsir minħabba li la hemm provista' ta' l-eletriku u lanqas tad-dawl. Wara diskuzzjoni ġie deċiż li jsir kuntatt ma' Melita plc sabiex naraw hux possibli li jipprovdu dan.

40.2.9 Il-Kunsillier M. Bonello staqsa jekk hux possibli li xi sidien ta' ħwienet jarmaw xi stalls sabiex jkunu jistgħu jbiegħu l-għada ta' l-Elezzjoni Ġenerali. Wara diskuzzjoni, is- Sindku nforma li hu ma jaqbilx li l-Kunsill joħroġ xi permess għal dan l-iskop sabiex kemm jista' jkun nevitaw li noħolqu kaos fil-lokalita'. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**40.3 Rapport mis- Sindku**

40.3.1 Is-Sindku ppreżenta rapport idettaljat li se jkun aness ma' dawn il-Minuti bħala App. A.

40.3.2 Il-Kunsill ġie nfurmat li nhar id-9 ta' Frar, is- Sindku flimkien mal-Viċi Sindku kellhom laqgħa ma' l-uffiċċjali tal-Community Police. Waqt din il-laqgħa, il-Pulizija ġew innotifikati li ta' spiss qed nirċievu lmenti li f'ċertu żoni speċjalment Triq is-Sidra/ Triq l-Uqija qed jkun hemm storbju eċċessiv. Il-Pulzija nfurmaw li l-ammont ta' rapporti tas-serq mhux wieħed allarmanti u kienet assenjata Pulizija ġdida għaż-żona tal-Madliena PC Shana.

40.3.3 Nhar l-14 ta' Frar, is- Sindku nforma li ltaqa' mal-Perit D. Falzon dwar l-manutenzjoni ta' Ġnien Maurice Caruana Curran. Hu nforma li l-ewwel fażi hija lesta u l-gazebo l-ġdida ġiet installata. Fil-jiem li ġejjin se jibdew xogħlijiet oħra bħal l-installazjoni ta' play area adattata għat-tfal iżgħar. It-tieni fażi li se jkun ffinanzjati mill-fondi Urbani, se jsir fence ta' l-injam u żona adattata għall-eżerċizzju ta' l-adulti. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

40.3.4 Il-Kunsill ġie nfurmat li x-xogħol tal-Ġnien Esprit Barthet qiegħed fis-stadju avvanzat issa u qed nittamaw li jkun ffinalizzat dal-waqt.

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Vince Tanti |
| Sindku | Segretarju Eżekutti |

**40.3 Rapport mis-Sindku – tkompli**

40.3.5 Is- Sindku nforma li l-proġett tal-ħitan tas-sejjiegħ issa tlesta. Hu rringrazzja lis-Segretarju Eżekuttv għal persistenza tiegħu u lil kuntrattur ikkonċernat tax-xogħol professjonali li sar.

40.3.6 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-bini ta' tennis clubhouse huwa lest u bħalissa qed issiru l-finishings ta' ġewwa. Il-Kuntrattur responsabli informa li sa l-aħħar t'April se jkun lest minn kollox.

40.3.7 Nhar il-15 ta' Frar, is- Sindku kellu laqgħa ma' l-operaturi ta' REFAB (bins tal-ħwejjeġ); fejn dawn infurmaw jixtiequ jinstallaw iktar bins kif ukoll kontenituri fejn jintrama ż-żejt. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li l-bins taż-żejt m'humiex adattati u jista' jkun li ma jintużawx b' mod responsabli; għaldaqstant il-Kunsill unanimament qabel li dawn m'għandhomx jiġu nstallati.

40.3.8 Is- Sindku nforma li skond kommunikazzjoni li rċevejna minn IM, nhar it-12 ta' Jannar kellhom jibdew ix-xogħlijiet fi Triq is-Sidra. Sfortunatament sa llum, dawn għadhom ma bdewx u m'hemm l-ebda indikazzjoni ċara dwar meta se jibdew.

40.3.9 Is-Sindku nforma li saru xi xogħlijiet fi Ġnien FX Ebejer fi Triq is- Swieqi bħal tibdil ta' *rubber flooring* kif ukol ġew miżbugħa l-*gym equipment*.

40.3.10 Is- Sindku nforma li skond l-aħħar korrispondenza jidher li IM se jkun qed jiftħu l-aċċess minn Triq il-Qasam għal Triq is- Swieqi u tingħalaq trejqa żgħira li tagħti mill-Wied għal Triq is- Swieqi. Hu nnotta li sfortunatament b'dan it-tibdil se jinħolqu problemi ġodda u għalhekk hemm bżonn li jsir pjan ħolistiku għal din iż-żona. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li hu qiegħed f'kuntatt mal-Perit ikkonċernat. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li l-Kunsill javviċina lis-Sur Bjorn għal iktar gwida peress li anke Triq il-Ġiebja se tingħalaq peress li din hija art privata li se tiġi żvillupata.

40.3.11 Huwa nforma li sfortunatament l-istat ta' Triq il-Miżura qiegħda fi stat ħażin ħafna u li ta' spiss jinforma lil IM dwar din il-materja.

40.3.12 Is-Sindku nforma li sa fl-aħħar id-Dipartiment aċċetta li nbiddlu l-ġurnata ta' ġbir tal-ħġieġ. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li l-ewwel ġabra ssir nhar l-Erbgħa 20 t'April sabiex ir-residenti jkollhom iċ-ċans li jiġu avżati. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Is- Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jagħmel kuntatt mal-GreenPAK sabiex jara jekk dawn jistgħux jipprovdu materjal bi dati l-ġodda.

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Vince Tanti |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**40.3 Rapport mis-Sindku – tkompli**

40.2.13 Is- Sindku ppreżenta l-Appraisal Report tas- Segretarju Eżekuttiv għas-sena 2021. Hu nforma li pprepera dan ir-rapport u jekk kemm-il darba hemm xi Kunsillieri li għandhom xi oġġezzjonijiet jistgħu jagħmlu kuntatt miegħu. Għaldaqstant huwa ppropona li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jingħata 15% (full) Performance Bonus hekk kif mistħoqq. Il-Kunsillier P. Fenech issekonda din il-proposta. Kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti.

40.2.14 Rigward il-proġett propost ta' l-ex Halland Hotel, is-Sindku staqsa jekk dan il-Kunsill hux se jkompli jgħin fl-oġġezzjoni kontra dan il-proġett. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li l-Kunsill għandu jgħin finanzjarjament sabiex jkompliu jopponi għal dan il-proġett. Il-Kunsillier M. Bonello informa li huwa se jastjeni minn din id-deċiżjoni.

**40.4 Kommunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

40.4.1 Huwa nforma li xi ġranet ilu, il-Kunsill irċieva rapport mill-OHSA dwar il-mod ta' kif kien qiegħed issir ix-xogħol fil-bini ta' Tennis Court. Hu nforma li flimkien mas-Sindku, il-Perit u l-kuntrattur ikkonċernati iltaqgħu ma' l-uffiċjali ta' l-OHSA dwar dan.

*Il-Kunsillier P. Fenech talab sabiex jiġi skużat. Il-ħin kien 18.39.*

40.4.2 Is- Segretarju Eżekuttiv informa li se jkun qed jikteb ittra lil IM dwar iż-żieda ta' traffiku li ta' kuljum qed jgħaddi minn Triq il-Perkursur, Triq il-Bir u Triq Żejni. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

40.4.3 Hu nforma li ġie avviċinat mil-kumpanija EPIC fejn dawn infurmaw li jridu jinstallaw xi apparat. Wara verifika, is-Segretarju Eżekuttiv nforma li ż-żona ndikata minnhom tidher li mhux qiegħda fil-konfini tas- Swieqi.

**40.5 Kommunikazzjoni mill-Kunsillieri**

<u>Mill-Kunsillier E. Rossignaud</u>

40.5.1 Il-Kunsillier staqsa jekk il-Kunsill hux se jkun qed jiffirma l-Endorsement dwar il-ħarsien ta' l-Ambjent ta' l-Environment Charter mill-FA. Hu nforma li dan id-dokument intbagħat lil kull Kunsillier minn qabel. Wara diskuzzjoni kien hemm qbil unanimu dwar dan peress li l-ambjent qatt m'għandu jkun ballun politiku imma dejjem għandu jiġi mħares u protett. Il-Kunsilli Lokali tas-Sannat kif ukoll ta' San Ġiljan diġa' iffirmaw dan id-dokument.

*Il-Kunsillier E. Rossignaud talab sabiex jiġi skużat. Il-ħin kien 19.09.*

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Vince Tanti |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**40.5 Kommunikazzjoni mill-Kunsillieri – ikomplu**

Mill-Viċi Sindku

40.5.2 Hija infurmat lil Kunsill li persuna avviċinata dwar il-probelma li qed ikollha biex tipparkja l-vettura tagħha fi Triq l-Uqija minħabba timed-parking. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li ma jistgħux jingħataw permessi simili peress li nistgħu noħolqu ħafna preċidenti.

Mill-Kunsillier A. Pisani

40.5.3 Hija rringrazzjat li kull min ta' sehem tiegħu biex tiġi rranġata t-tappiera fi Triq ta' l-Ibraġ ħdejn il-Knisja.

Mill-Kunsillier R. Scicluna

40.5.4 Il-Kunsillier staqsiet jekk il-kuntrattur MicaMed Ltd kienx bgħat kopja tal-Credit Note hekk kif kien indika fl-aħħar laqgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li s'issa din għadha ma ntabgħtitx u se jkun qed jintbagħat reminder lilu dwar dan.

Mill-Kunsillier T. Valentino

40.5.5 Il-Kunsillier T. Valentino infurmat li nhar il-15 ta' Marzu se ssir l-ewwel ħarġa kulturali ta' dis-sena fejn sejrin Fort Sant Iermu. Hija infurmat li sa issa hemm 26 persuna rreġistrati.

**39.5 Approvazzjoni ta' pagamenti u xiri ieħor**

L-iskeda tal-pagamenti nru.32 ġiet approvata minn dawk preżenti.

Din is-seduta spiċċat fis- 19.30 u s-seduta li jmiss se ssir nhar il-Ħamis 7 ta' April 2022 fl-16.00.

Kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti.

Noel Muscat
Sindku

Vince Tanti
Segretarju Eżekuttiv